

Brussell, 2 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15473/22

LIMITE

ENV 1229
CODEC 1905
CLIMA 642

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0195(COD)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura.¹ Il-proposta għandha l-għan li ssewwi l-ħabitats Ewropej li jinsabu f'kundizzjoni ħażina, u li ġġib lura n-natura fl-ekosistemi kollha, mill-foresti u l-art agrikola sal-ekosistemi tal-baħar, tal-ilma ħelu u urbani. B'din il-proposta, ser japplikaw miri legalment vinkolanti għar-restawr tan-natura f'ekosistemi differenti, li jikkomplementaw il-liġijiet eżistenti. L-għan hu li miżuri ta' restawr tan-natura jkopru mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE sal-2030, u eventwalment li dawn jiġu estiżi għall-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050.
2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġislattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fis-7 ta' Lulju 2022. Id-WPE kellu diskussjonijiet sostantivi dwar il-proposta matul disa' laqgħat oħra. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet u tal-kummenti ppreżentati mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet l-ewwel test ta' kompromess għall-Artikoli 1-10² u identifikat żewġ kwistjonijiet li jeħtieġu gwida politika mill-Kunsill.

1. 10607/22 - COM(2022) 304 final.

2. 14884/22.

3. Sabiex tiggwida d-dibattitu dwar il-proposta leġislattiva msemmija hawn fuq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) tal-20 ta' Diċembru 2020, il-Prezidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni b'żewġ mistoqsijiet, kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet tal-Prezidenza u jibgħathom lill-Kunsill għad-dibattitu ta' orjentazzjoni msemmi hawn fuq.

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar ir-restawr tan-natura**

- Nota mill-Presidenza -

Il-protezzjoni tan-natura ilha element vitali tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats, li huma s-sinsla tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-konservazzjoni tan-natura, għal għexieren ta' snin. L-
evalwazzjoni tal-Kontroll tal-Idoneità tagħhom, ippubblikata fl-2016¹, ikkonkludiet li, fil-qafas ta'
politika usa' tal-UE dwar il-bijodiversità, id-Direttivi dwar in-Natura għadhom rilevanti ħafna u
huma xierqa għall-iskop tagħhom, iżda l-kisba sħiħa tal-objettivi tagħhom ser tiddependi fuq titjib
sostanzjali fl-implimentazzjoni tagħhom.

L-aħħar valutazzjoni tal-istat tan-natura mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent² uriet li minkejja xi
żviluppi inkoraġġanti, 15 % biss tal-habitats u madwar 27 % tal-ispeċijiet protetti skont il-
leġislazzjoni tal-UE jindikaw status ta' konservazzjoni tajjeb. Valutazzjoni tal-ekosistemi fl-UE
kollha sabet li, b'mod ġenerali, il-kundizzjoni tal-ekosistemi fl-UE mhijiex favorevoli. B'data u
rapporti addizzjonali li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, bħar-Rapport ta' Valutazzjoni Globali
dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi mill-IPBES (2019)³, jew is-Sitt Rapport ta'
Valutazzjoni mill-IPCC⁴, l-evidenza hija ċara li **l-progress li nkiseb sabiex jitwaqqaf it-telf tal-
bijodiversità kien limitat u n-natura qed tonqos madwar id-dinja b'rata bħal qatt qabel fl-
istorja tal-bniedem, filwaqt li ekosistemi diversi u awtosuffiċjenti jipprovdu kontributi
multipli lin-nies, essenzjali għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.**

¹ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Sommarju eżekuttiv tal-Kontroll tal-
Idoneità tal-Leġislazzjoni tal-UE dwar in-Natura (id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats)
(SWD(2016) 473 final).

² State of nature in the EU - Results from reporting under the nature directives 2013-2018, l-
Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2020.

³ IPBES (2019): Global assessment report on biodiversity and ecosystem services of the
Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services.

⁴ IPCC (2022): Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability | Climate Change
2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability (ipcc.ch).

L-iffukar fuq il-protezzjoni tal-bijodiversità huwa kruċjali u r-riżultati miksuba f'dan il-qasam għandhom jiġu żviluppanti aktar u rfinati. Madankollu, id-dinja u l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li **jaħdmu iktar u jmorru lil hinn miż-żoni protetti u jindirizzaw il-pajsaġġ f'sens usa', jekk tabilħaqq beħsiebna npoġġu l-bijodiversità fit-triq lejn l-irkupru.**

Ħtieġa urġenti għal azzjoni rikonoxxuta b'mod ġenerali

Fil-kuntest tas-sitwazzjoni mhux sodisfaċenti, **il-Kummissjoni Ewropea adottat l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030** fl-2020 (l-"Istrateġija") bħala waħda mill-elementi ċentrali tal-Patt Ekoloġiku u impenjat ruħha li tressaq **proposta għal miri legalment vinkolanti tal-UE għar-restawr tan-natura** biex jiġu restawrati l-ekosistemi degradati.

F'Ottubru 2020, **il-Kunsill**, filwaqt li totalment konxju li t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema u t-telf tas-servizzi tal-ekosistema jgħolqu theddid dirett u eżistenzjali għall-ħajja u l-ġid tal-bniedem, fil-Konkluzjonijiet⁵ tiegħu laqa' l-Istrateġija u rrikonoxxa l-fatt li l-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u l-ekosistemi għandhom benefiċċji ekonomiċi diretti u indiretti potenzjali għall-biċċa l-kbira tas-setturi tal-ekonomija u li n-negozji kollha jiddependu fuq l-assi kapitali naturali u s-servizzi tal-ekosistema direttament jew indirettament. Għaraf ukoll li filwaqt li oqfsa legali, strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni fil-livelli tal-UE u nazzjonali huma fis-seħħ biex jiproteġu l-bijodiversità u n-natura u biex jirrestawraw ħabitats u popolazzjonijiet tal-ispeċijiet degradati, jeħtieġ li **nżidu l-protezzjoni u r-restawr tan-natura**. B'rabta mar-restawr tal-ekosistemi, **il-Kunsill tenna li hija meħtieġa aktar ambizzjoni għar-restawr tan-natura, inkluż il-ħtieġa ta' miżuri għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità lil hinn minn żoni protetti**. Il-Konklużjonijiet irrikonoxxew ukoll ir-rabta importanti bejn it-telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima kif ukoll is-soluzzjonijiet rispettivi tagħhom.

⁵ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti (11829/20) tas-16 ta' Ottubru 2020.

Fir-risoluzzjoni tiegħu ta' Ġunju 2021⁶, il-Parlament Ewropew laqa' wkoll l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-livell ta' ambizzjoni tagħha u saħaq li l-Istrateġija jeħtieġ li tilħaq bis-sħiħ il-miri tagħha. Sabiex jinkiseb dan, ir-risoluzzjoni **appellat għal miżuri biex jindirizzaw it-telf tal-bijodiversità barra minn żoni protetti**. L-impenn tal-Kummissjoni li tfassal proposta leġiżlattiva dwar ir-restawr tan-natura, inkluż l-istabbiliment ta' miri vinkolanti għar-restawr, intlaqa' tajjeb ħafna, u **ġie enfasizzat il-fatt li wara r-restawr, jenħtieġ li ma tkun permessa l-ebda degradazzjoni tal-ekosistema**.

Nilqgħu sfida biex imexxu billi nagħtu eżempju

Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Proposta għal Regolament dwar ir-restawr tan-natura ("Proposta") ġiet adottata mill-Kummissjoni.

Il-Proposta tistabbilixxi objettiv ġenerali: **li jsir kontribut għall-irkupru kontinwu, dejjiemi u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE billi jiġu restawrati l-ekosistemi** u li jsir kontribut għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jintlaħqu l-impenji internazzjonali tagħha.

Biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-Proposta tistabbilixxi **diversi miri u obbligi vinkolanti ta' restawr f'firxa wiesgħa ta' ekosistemi** u twitti t-triq għal firxa wiesgħa ta' ekosistemi fl-UE li għandhom jiġu restawrati u miżmuma sal-2050, b'riżultati li jistgħu jitkejlu sal-2030 u l-2040. Il-proposta hija appoġġata wkoll minn qafas ta' implimentazzjoni biex l-objettivi jissarrfu f'azzjoni, billi jitħejjew u jitwettqu Pjanijiet Nazżjonali ta' Restawr.

Il-Proposta tippermetti wkoll lill-UE tmexxi fuq livell dinji fil-protezzjoni tan-natura, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-15-il Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika li saret f'Montreal, matul il-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-UE, fejn 196 parti għall-Konvenzjoni, inkluż l-UE u l-Istati Membri tagħha, huma mistennija jaqblu dwar **qafas dinji tal-bijodiversità għal wara l-2020**.

⁶ Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna (2020/2273(INI)).

L-UE biħsiebha tinsisti għal miri dinjija għall-2030 f'konformità mal-impenji tal-UE stabbiliti fl-Istrateġija u għal proċess ta' implimentazzjoni, monitoraġġ u rieżami ħafna aktar b'saħħtu. Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2022⁷, **il-Kunsill saħaq li jeħtieġ li tiġi inkluża mira biex tiżdied l-azzjoni għar-restawr effettiv tal-ekosistemi degradati fil-qafas dinji tal-bijodiversità għal wara l-2020.**

Riflessjoni dwar il-ħtieġa għal qafas komuni ċar għar-restawr tan-natura

Taħt il-Prezidenza Ċeka, il-Proposta ġiet diskussa f'għaxar laqgħat tal-**Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE)** fejn l-Istati Membri kollha esprimew appoġġ ġenerali għall-oġġettivi tat-test. Id-delegazzjonijiet jirrikonoxxu li r-restawr tan-natura huwa essenzjali, partikolarment fil-kuntest tal-ħtieġa urġenti ta' adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu.

Id-diskussjonijiet imrawma mill-Prezidenza Ċeka ppermettew eżami dettaljat tat-test u ppermettew lill-Istati Membri jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-artikoli kollha. L-iskambji inizjali wasslu għal għadd ta' sfidi importanti. B'mod ġenerali, l-Istati Membri jappellaw biex tinżamm **koerenza b'saħħitha mal-qafas legali ambjentali attwali tal-UE** u biex tinħoloq rabta aktar espliċita ma' dak il-qafas f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Proposta. L-Istati Membri saħqu wkoll li **ser tkun meħtieġa flessibilità sabiex ikunu jistgħu jirriflettu karatteristiċi nazzjonali speċifiċi**. Inġibdet l-attenzjoni għall-punt li l-implimentazzjoni ser teħtieġ **riżorsi umani kif ukoll finanzjarji sostanzjali** li bħalissa mhumiex disponibbli jew li jkollhom jiġu aġġustati sostanzjalment. Kien ċar ukoll li d-definizzjonijiet huma ta' importanza kbira għall-Istati Membri peress li l-implimentazzjoni effettiva u armonizzata tat-test teħtieġ **qbil komuni tad-dispożizzjonijiet tiegħu**. Kemm il-kwistjonijiet orizzontali kif ukoll dawk tekniċi ġew diskussi fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma fejn xi wħud minnhom issolvew, u, minħabba l-kumplessità tal-Proposta, il-parti l-kbira tħalliet għal aktar diskussjoni.

⁷ Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB): Il-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 15) għall-KDB; L-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP 10); Ir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu (COP-MOP 4); (Montreal, il-Kanada, 7–19 ta' Diċembru 2022) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13975/22) tal-24 ta' Ottubru 2022.

Abbażi tad-diskussjonijiet li saru u l-kummenti mibgħuta mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet **test ta' kompromess dwar l-Artikoli 1-10**⁸ li ġie diskuss fil-laqgħat tad-WPE fl-24 ta' Novembru u d-9 ta' Diċembru 2022. Għal ħafna mill-elementi tiegħu, it-test rivedut intlaqa' b'apprezzament ġenerali u pprovda triq 'il quddiem tajba, filwaqt li żvela wkoll xi tħassib li jentieġ li jiġi indirizzat b'mod kuxjenzjuż f'negozjati futuri. Kien ċar ukoll li xi kwistjonijiet jibbenefikaw minn gwida politika. Għalhekk, il-Presidenza identifikat żewġ suġġetti li għandhom jiġu indirizzati mill-Kunsill Ambjent fl-20 ta' Diċembru 2022 sabiex tingħata gwida għall-ħidma futura tad-WPE. Il-punti tat-tluq tad-diskussjoni huma deskritti hawn taħt.

Naħdmu flimkien biex nilħqu l-ambizzjoni

Huwa sinjal importanti li ħafna delegazzjonijiet ma kkontestawx il-livell ġenerali ta' ambizzjoni tal-Proposta. Fl-istess ħin, id-diskussjonijiet tekniċi indikaw li l-Istati Membri mhumieq unanimi fir-rigward tal-fehmiet tagħhom dwar din il-kwistjoni. Uħud mill-miri u l-obbligi stipulati fi Proposta, partikolarment fl-Artikoli 4-10, huma kkunsidrati ambizzjużi wisq minn xi Stati Membri, l-iktar minħabba li l-qafas istituzzjonali u finanzjarju attwali (inkluż il-kapaċità tar-riżorsi umani b'ħiliet u għarfien xierqa) mhuwiewx adattat biżżejjed. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Proposta ma tkunx possibbli fil-perjodu ta' żmien propost, minħabba l-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib u azzjonijiet ikkoordinati f'għadd ta' setturi ewlenin (eż. il-forestrija, il-ġestjoni tal-ilma, l-agrikoltura, il-ġestjoni tal-logħob, l-iżvilupp u l-ippjanar spazjali u urban).

L-Istati Membri semmew ukoll li t-titjib tal-ekosistemi jew indikaturi relatati ser jirrikjedi **skala itwal ta' żmien**, xi drabi marbuta mal-ħtieġa li jinkiseb għarfien xjentifiku adegwat. L-ilhūq tal-miri proposti jista' jkun diffiċli wkoll minħabba l-kundizzjonijiet naturali (jiġifieri t-tibdil fil-klima, it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi) jew interessi pubbliċi ġenerali oħra.

⁸ Test ta' kompromess tal-Presidenza dwar l-Artikoli 1-10 - ST 14884/22.

Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li **l-Proposta hija bbażata fuq l-għanijiet tal-Istrateġija, approvata kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Parlament Ewropew**, u li titqies il-ħtieġa urġenti li jiġu restawrati l-ekosistemi, tittiejeb il-kundizzjoni tagħhom u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima. Minkejja l-isforzi kollha tal-Istati Membri, il-bijodiversità qed tkompli tonqos. Tnaqqis bħal dan jaf ikun irriversibbli u jwassal għall-kollass tal-ekosistema. Il-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod effettiv, mingħajr dewmien, il-kundizzjoni attwali mhux sodisfaċenti tal-ekosistemi hija sisien tal-Proposta. It-tnaqqis tal-ambizzjonijiet tiegħu jista' jgħib miegħu saħansitra aktar **inċertezza rigward l-effiċjenza tal-isforzi konġunti tagħna biex nipprevjenu aktar tnaqqis fil-bijodiversità** u nikkompromettuhom, peress li l-miżuri adottati mhux bilfors iwasslu għar-riżultat mixtieq fil-forma ta' saħħa mtejjba tal-ekosistema u servizzi tal-ekosistema assoċjati.

Peress li prinċipalment xi wħud mill-obbligi bbażati fuq ir-riżultati fil-Proposta jistgħu tabilħaqq ikunu ta' sfida biex jinkisbu, għalhekk, il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr għandhom jipprovdu l-ispazju meħtieġ għall-**flessibbiltà fil-livell nazzjonali**. Il-miri u l-obbligi proposti ġeneralment jippermettu li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi preżenti fl-Istati Membri (pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' livelli sodisfaċenti ta' indikaturi, id-determinazzjoni ta' żona ta' referenza favorevoli għat-tipi ta' habitats jew kwalità u kwantità suffiċjenti ta' habitats u speċijiet) u għall-bini fuq valutazzjonijiet tal-istatus ta' konservazzjoni mwettqa skont id-Direttivi dwar in-Natura. L-użu sħiħ ta' din il-flessibbiltà jista', minħabba l-urġenza li tittieħed azzjoni, iwitti t-triq 'il quddiem.

L-iżgurar li l-investimenti jagħtu l-frott

Il-Proposta tistipula l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li ż-żoni, li fihom tkun intlaħqet kundizzjoni tajba, u li fihom tkun intlaħqet il-kwalità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċi, u li ż-żoni, fejn jinsabu t-tipi ta' habitats, **ma jiddeterjorawx**. Tali obbligu għandu l-għan li jiżgura li jkun hemm fis-seħħ **protezzjoni effettiva fejn japplika r-reġim tad-Direttivi dwar in-Natura - li jtejjeb jew iżomm l-istatus ta' konservazzjoni**, kif ukoll li jiżgura effetti dejjiema tal-miżuri ta' restawr u li **fejn ir-riżorsi jkunu ġew investiti f'dawn il-miżuri, dawn ir-riżorsi ma jiġux żvalutati**.

Il-kunċett propost huwa **eżiġenti f'termini ta' monitoraġġ u valutazzjoni kif ukoll b'rabta mal-miżuri ta' ġestjoni estensivi li jkun jeħtieġ li jidħlu fis-seħħ fiż-żoni kollha fejn it-tipi ta' habitats jew habitats ta' speċijiet jeħtieġu manutenzjoni biex tiġi żgurata l-eżistenza dejjiema tagħhom f'kundizzjoni tajba**. L-ispiża ta' rekwiżit strett ta' nondeterjorament barra minn Natura 2000 huwa diffiċli biex jiġi vvalutat, iżda huwa mistenni li jkun sostanzjali, kemm fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit (il-ġestjoni tad-drittijiet tal-art u l-implimentazzjoni tas-sistema amministrattiva u legali meħtieġa) kif ukoll fir-rigward tat-twettiq tiegħu fil-prattika.

Madankollu, huwa ċar li **l-obbligu għandu rilevanza kbira għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta kif ukoll potenzjal kbir li jikkontribwixxi fundamentalment għall-għanijiet tad-Direttivi dwar in-Natura b'rabta mal-ilħuq jew iż-żamma tal-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tat-tipi ta' habitats u tal-habitats tal-ispeċijiet inkwistjoni fuq skala nazzjonali**. Il-valutazzjoni tal-kundizzjoni ta' dawk il-fenomeni diġà saret fuq livell nazzjonali skont il-qafas legali attwali, u b'hekk l-isforzi marbuta mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondeterjorament ikunu riflessi b'mod pożittiv f'dan il-qasam. L-evidenza wriet li anke jekk in-network Natura 2000 huwa għodda importanti li tikkontribwixxi għal status ta' konservazzjoni favorevoli, dan mhux biżżejjed biex jintlaħqu l-miri stipulati fl-Istrateġija.

Madankollu, il-Proposta tipprevedi **mezzi possibbli ta' derogi għall-prinċipju ta' nondeterjorament**. Fit-test ta' kompromess tagħha, il-Presidenza pproponiet ukoll **bidla minn obbligu bbażat fuq ir-riżultati għal obbligu bbażat fuq l-isforz**, b'enfasi fuq miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi evitat in-nondeterjorament. Matul id-diskussjonijiet tressqet ukoll alternattiva fil-forma ta' "ebda deterjorament nett". Peress li ħafna Stati Membri jappellaw għall-allinjament tal-Proposta mal-acquis attwali tal-UE b'mod ġenerali, din is-sinerġija importanti mad-Direttivi dwar in-Natura ma għandhiex titħalla barra. Possibbiltà ta' formulazzjoni differenti jew, jekk meħtieġ, kjarifika tal-possibbiltajiet ta' deroga, għandha għalhekk tkun iċ-ċentru ta' aktar diskussjoni fil-livell tekniku.

Sabiex javvanzaw in-negozjati, il-ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *Minħabba l-urġenza rikonoxxuta li tiġi indirizzata l-kriżi dejjem preżenti tal-biodiversità, iżda wkoll biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu fuq is-soċjetà u l-ekonomija, taħseb li l-ambizzjoni tal-Proposta u l-iskeda ta' żmien proposta huma adegwati biex tiġi indirizzata din l-isfida doppja?*
2. *Meta titqies is-sinerġija ġenerali tal-prinċipju ta' "nondeterjorament" mad-Direttivi dwar in-Natura, taħseb li dan huwa soluzzjoni xierqa biex jiżgura l-benefiċċji ambjentali u soċjoekonomiċi deġġiema ta' ekosistemi b'saħħithom u s-sostenibbiltà tar-riżorsi investiti?*

Fin għad-diskorsi: tliet minuti għal kull Stat Membru